MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 2/2005

**Esther u Nazzareno Pace**

**vs**

**Aplan Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Frar, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' Jannar 2004 fejn ir-Rikorrenti talbu refund ta' erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm430)

rapprezentanti prezz ta' Air Condition li wara li nxtara kellu l-hsara.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u Mario Pace, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u Alan Galea u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienet xtrat Air Condition Unit u wara xi zmien kellu l-hsara. Minkejja li saru xi tiswijiet xorta baqghet il-problema.

2. L-intimat issottometta li ghamel minn kollox sabiex jipprova jsewwi u fl-opinjoni tieghu kien sewwa.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li r-Rikorrenti xorta baqghet tilmenta bil-problema tal-Air Condition. Ghalhekk jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b'dan illi l-Air Condition jibqa' propjeta` tar-Rikorrenti."

Fl-appelli devoluti lil din il-Qorti minn decizjonijiet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, is-sindikar ta' din il-Qorti hu strettament limitat ghall-ezami dwar jekk it-Tribunal marx "kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella" [Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994];

Jinsab enuncjat in meritu ghal dan id-dispost tal-ligi illi "l-Qorti tikkonsidra illi biex ikun jista' jsir appell taht dan il-kap, irid jirrizulta bhala fatt li t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami ta' imparzjalita` u ta' ekwita` skond il-ligi, u dana b' mod gravi. Mhux kull infrazzjoni ta' din ix-xorta allura tiggustifika appell lil din il-Qorti. Mhux biss. Anke fejn tali infrazzjoni tkun gravi, irid jigi provat li dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Pregudizzju li jrid ikun reali u materjali ghax hu marbut mal-jeddijiet ta' l-appellant u ma' xejn aktar" - "**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**". Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Gie ulterjorment spjegat illi "una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza -pregudizzju dan li minn natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali - ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti dwar il-gravita tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz" - "**Charles Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet tad-dritt kif traccjati mill-kazistika fuq is-suggett, l-attur appellanti jibbazaw l-assunt taghhom ta' l-appellabilita` tad-decizjoni fuq dak li huma jidhrilhom li jammonta ghall-vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali u konsegwentement ghall-pregudizzju. Huma jikkontendu illi t-Tribunal injora r-rikjesta verbali taghhom sabiex isir access, jew mill-Arbitru nnifsu jew permezz ta' espert u dan ghal fini li jigi accertat l-ilment taghhom. Ghaldaqstant isostnu illi meta t-Tribunal ma kkunsidrax din ir-rikjesta huwa gie li b' hekk cahhadhom minn smigh xieraq u allura huma gew li sofrew pregudizzju serju in kwantu spiccaw b' air conditioner inadatt, nonostante kull tentattiv biex jissewwa;

Premessa din il-konstatazzjoni ta' l-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata, huwa pacifikament stabbilit in linea ta' principju generali illi t-tribunali kollha ta' kwalsiasi forma u attribuzzjoni, indistintament ghandhom jirrispettaw

ir-regoli hekk importanti u fondamentali tal-gustizzja naturali. Regoli dawn invjolabbli li jesigu, *inter alia*, il-parita` ta' trattament mal-partijiet in kawza li ebda tribunal ma jista' jissorvola. (Ara sentenzi a **Vol. XXXIII P I p 648** u **Vol. XXXV P II p 514** fost ohrajn). Fil-kaz *de quo* l-ligi taghmel dawn ir-regoli mhux biss il-bazi ta' l-appell izda wkoll il-pern ta' l-espletar tal-mansjonijiet affidati lit-Tribunal flimkien ma' dawk tal-gusitizzja sostantiva u ta' l-ekwita`, kif hekk dettat mill-Artikolu 21 (1) ta' l-Att imsemmi;

Analisi ta' l-atti processwali turi li f' dan il-kaz it-Tribunal ma marx kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Jirrizulta infatti illi l-appellanti ma gewx privi mill-opportunita` li jsostnu b' kull mezz it-talba taghhom tendenti ghar-rexxissjoni tal-bejgh ta' l-airconditioner u li jaghmlu l-provi u l-osservazzjonijiet okkorrenti. Kwantu ghas-sottomissjoni specifika avvanzata mill-appellanti jidher bic-car illi dawn donnhom jinjoraw certi konsiderazzjonijiet bazici tal-ligi specjali u cjoe illi l -arbitru "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq" u, aktar minn hekk, "ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom" [subparagrafi (b) u (c) tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 23];

Riferibbilment ghall-kuncett tal-gudizzju sostanzjali u ta' l-ekwita` dawn jirrikjedu illi d-decizjoni tat-Tribunal tkun bazata fuq il-fatti provati. Intqal a propozitu li "filwaqt li din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex il-kompetenza biex tissindika decizjoni ta' fatt li jkun wasal ghaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tieghu, din il-Qorti ma hiex eskluza mill-formazzjoni li tiddeciedi jekk tali decizjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-gustizzja sostantiva u l-ekwita`" ("**Charles Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi l-gustizzja sostanzjali u l-ekwita` ghandhom ikunu kondotti ghall-iskopijiet obbjettivi ta' l-apprezzament tal-provi, tenut rigward ukoll tac-

cirkostanzi konkreti li jistghu jincidu. Certament hu kompitu ta' l-arbitru li jfittex dik is-soluzzjoni li, filwaqt li tkun konformi mal-kriterji korretti tal-logika u allura, ghall-ispirtu u l-interessi tal-partijiet fil-kontrattazzjoni konkordata, ma tkunx inikwa ghal xi parti. Hu mistenni li l-arbitru jivvaluta l-elementi kollha ta' provi u fl-ambitu tal-poter diskrezzjonali lilu konsentit jindika r-raguni ghad-determinazzjoni tal-kaz;

Issa fil-hsieb tal-Qorti jidher aktar minn ovvju illi t-Tribunal adit, filwaqt li akkorda kredibilita` lill-versjoni ta' l-appellanti, ha in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-appellanti oltre li ma hallsux il-prezz tieghu, zammew ghandhom l-airconditioner u ghamlu uzu minnu ghal aktar minn sentejn meta kienu konxji li ma kienx jiffunzjona tajjeb ghal dik li hi emissjoni ta' shana. Filwaqt li huwa minnu illi l-apparat mixtri - u li tieghu l-appellanti jippretendu s-sostituzzjoni bhal fil-kaz ta' binthom - hu mistenni li jiffunzjona tajjeb b' mod li min juzah ma ghandux kull darba jirrikorri ghall-assistenza tat-tekniku u ghar-riparazzjoni, minn naha l-ohra x-xerrej ma jistax jippretendi li jzomm l-oggett, jaghmel uzu minnu u meta jigi interpellat ghall-hlas tieghu jippretendi li jigi sostitwit jew li l-venditur jiehdu lura. Hi, del resto, gurisprudenza konkordanti illi "x-xerrej ghandu d-dover li juza certa speditezza fl-affarijiet inerenti ghan-negozju, ghaliex il-kummerc ma jammettix dewmien ingustifikat. Ghalhekk ix-xerrej li jircievi l-merkanzija u ma jkunx irid jaccettaha, ghax jidhirlu li mhix ta' kwalita` tajba, ma jistax izommha ghandu u wara zmien jippretendi li jirritornaha lura. Huwa kien imissu agixxa bid-diligenza kollha f' materja simili; u ladarba ma ghamelx hekk, ma jistax wara jippretendi li jirritorna l-merkanzija u jippregudika lill-venditur" (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 585; Vol. XLIV P I p 153; "Robert Bond -vs- Austin Agius *et*"**, Appell, 16 ta' April 1993);

Dan ifisser illi jekk l-appellanti kellhom intenzjoni jirrexindu l-bejgh lilhom ta' l-airconditioner dawna messhom, appena kkonstataw li dan ma kienx tal-kwalita` pattwita jew kellu difett irreparabbli, agixxew fil-pront u konformament mad-disposizzjonijiet relattiv fl-istitut tal-vendita;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax ragonevolment issib li t-Tribunal ma applikax il-gustizzja sostanzjali jew ma ghamelx valutazzjoni ekwitattiva.  Dan anke fl-assenza ta' opinjoni ta' espert billi, apparti dak li jinsab provvdut mil-ligi fl-artikolu aktar 'il fuq precitat, l-ommissjoni ta' konsulenza teknika mhix dejjem u bilfors necessarja fil-kwadru tal-fatti l-ohra attendibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------